**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0295/2023**

16.10.2023

*

# RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2023)0331 – C9-0211/2023 – 2021/0430(CNS))

Kumitat għall-Baġits

Korapporteurs: José Manuel Fernandes u Valérie Hayer



*Magħquda fid-diversità*

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**


ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW..........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........10

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI ..........13

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........15

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......16

## ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2023)0331 – C9-0211/2023 – 2021/0430(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2021)0570) u l-proposta emendata (COM(2023)0331),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 311, it-tielet paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0211/2023),

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea tas-16 ta’ Diċembru 2020 dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f’materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta’ riżorsi proprji ġodda (“FII tas-16 ta’ Diċembru 2020”)[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tas-16 ta’ Settembru 2020 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta’ riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tat-23 ta’ Novembru 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2021)0570 – C9-0034/2022 – 2021/0430(CNS))[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta’ Mejju 2023 dwar ir-riżorsi proprji: bidu ġdid għall-finanzi tal-UE, bidu ġdid għall-Ewropa[4],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0295/2023),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-

---

1 ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.
2 Testi adottati, P9_TA(2020)0220.
3 Testi adottati, P9_TA(2022)0404.
4 Testi adottati, P9_TA(2023)0195.

Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni li temenda**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020, din id-Deċiżjoni emendata tikkostitwixxi pass importanti ieħor, għall-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda. Dan se jiżgura li d-dħul minn basket ta' sorsi ġodda ta' introjtu se jsir disponibbli u se jkun biżżejjed għall-ħlas tal-imgħax u tal-kapital tad-djun ta' Next Generation EU u li l-implikazzjonijiet finanzjarji distributtivi tal-basket ikunu aċċettabbli għall-Istati Membri kollha.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni li temenda**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Bir-rikavati mir-riżorsi proprji l-ġodda introdotti b'din id-deċiżjoni emendata, il-baġit tal-Unjoni jista' jiġi ffinanzjat b'mod affidabbli fuq bażi fit-tul, u jakkomoda l-kostijiet tal-ħlas lura tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u l-prijoritajiet il-ġodda tal-Unjoni filwaqt li jevita t-tnaqqis ta' programmi u politiki eżistenti tal-Unjoni.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni li temenda**
**Premessa 2b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) L-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali fil-Ftehim Interistituzzjonali jenħtieġ li tiġi kkompletata b'riformi futuri li jissostitwixxu s-soluzzjoni tranżizzjonali tal-kontribuzzjoni nazzjonali bbażata fuq l-istatistika dwar il-profitti korporattivi f'riżorsa proprja aktar ġenwina u bbażata fuq it-taxxa hekk kif id-direttivi meħtieġa jew l-oqfsa ta' armonizzazzjoni madwar l-Unjoni dwar it-tassazzjoni korporattiva jkunu fis-seħħ.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn il-premessi addizzjonali jfakkru l-għan u l-ispirtu tal-Pjan Direzzjonali fil-FII u jikkonfermaw li l-basket ippreżentat jikkostitwixxi progress sinifikanti lejn l-objettivi tal-pjan direzzjonali. Qed tinġibed l-attenzjoni għall-passi pendenti.*

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni li temenda**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Fl-isfond ta' inflazzjoni għolja, it-tnaqqis temporanju ta' somma f'daqqa għad-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja, li minnu jibbenefikaw għall-perjodu 2020-2027, żdied b'mod mhux mistenni u sproporzjonat. Sabiex jiġu evitati aktar distorsjonijiet distributtivi, dawn is-somom f'daqqa jenħtieġ li jiġu aġġustati kull sena skont l-istess raġunament u regola bħal-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, jiġifieri abbażi ta' deflatur fiss ta' 2 % fis-sena.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni li temenda**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1ea (ġdid)**
Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053
Artikolu 2 – paragrafu 4

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | (ea) ***il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 4. Għall-perjodu 2021-2027, l-Istati Membri li ġejjin għandhom jibbenefikaw minn tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet tagħhom ibbażati fuq id-DNG skont il-punt (d) tal-paragrafu 1 ta' EUR 565 miljun għall-Awstrija, EUR 377 miljun għad-Danimarka, EUR 3 671 miljun għall-Ġermanja, EUR 1 921 miljun għan-Netherlands u EUR 1 069 miljun għall-Iżvezja. ***Dawn*** l-ammonti għandhom jitkejlu skont il-prezzijiet tal-2020 u jiġu aġġustati għall-prezzijiet attwali ***bl-applikazzjoni tad-deflatur l-aktar reċenti tal-prodott domestiku gross għall-Unjoni, espress f'euro, kif previst mill-Kummissjoni, li jkun disponibbli meta jitfassal l-abbozz ta' baġit***. Dan it-tnaqqis gross għandu jiġi ffinanzjat mill-Istati Membri kollha. | "4. Għall-perjodu 2021-2027, l-Istati Membri li ġejjin għandhom jibbenefikaw minn tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet tagħhom ibbażati fuq id-DNG skont il-punt (d) tal-paragrafu 1 ta' EUR 565 miljun għall-Awstrija, EUR 377 miljun għad-Danimarka, EUR 3 671 miljun għall-Ġermanja, EUR 1 921 miljun għan-Netherlands u EUR 1 069 miljun għall-Iżvezja. ***Dawk*** l-ammonti għandhom jitkejlu skont il-prezzijiet tal-2020 u jiġu aġġustati għall-prezzijiet attwali ***abbażi ta' deflatur fiss ta' 2 % fis-sena***. Dan it-tnaqqis gross għandu jiġi ffinanzjat mill-Istati Membri kollha." |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-PE tradizzjonalment kien kontra l-korrezzjonijiet ta' somma f'daqqa fil-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq id-DNG. Filwaqt li din il-pożizzjoni ma nbidlitx, l-aġġustament annwali tat-tnaqqis tas-somma f'daqqa bl-applikazzjoni tad-deflatur tal-PDG f'kuntest ta' inflazzjoni għolja b'mod eċċezzjonali u mhux mistenni rriżulta f'rifużjonijiet għoljin b'mod mhux ġustifikat għall-Istati Membri kkonċernati. Tali skontijiet mhux mistennija u d-distorsjonijiet distributtivi li jinvolvu, jistgħu jiġu evitati billi l-aġġustament annwali tal-ammonti jiġi allinjat mad-deflatur awtomatiku ta' 2 % li jintuża wkoll għal-limiti massimi tal-QFP skont l-Artikolu 4(b) tar-Regolament QFP.*

## NOTA SPJEGATTIVA

***Il-pożizzjoni tal-PE u l-iskop tar-riforma tar-riżorsi proprji***

Il-pożizzjoni fit-tul u stabbilita sew tal-PE b'appoġġ għal basket ta' riżorsi proprji varjat u reżiljenti ġiet riflessa fl-opinjonijiet konsultattivi tiegħu dwar il-proposti tal-Kummissjoni għad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tal-2020 u l-2021 u reċentement reġa' affermaha fir-*Rapport fuq Inizjattiva Proprja dwar ir-riżorsi proprji*: *bidu ġdid għall-finanzi tal-UE, bidu ġdid għall-Ewropa*.

Ir-rapport fuq inizjattiva proprja jidentifika firxa ta' sorsi ta' dħul ġodda potenzjali li huma marbuta mal-prijoritajiet ta' politika tal-UE – li jinkludu wkoll dawk li issa huma inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni – u jtenni l-ħtieġa urġenti li jiġi mobilizzat introjtu ġdid sabiex jitħallsu lura d-djun imġarrba fl-ambitu ta' Next Generation EU. Ir-rapport ta bidu wkoll għal ideat speċifiċi għal kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-istatistika li jistgħu jservu bħala indikatur u soluzzjoni tranżitorja biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri twal ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal-leġiżlazzjoni settorjali sottostanti.

***Il-basket aġġornat: ETS, CBAM u kontribuzzjoni bbażata fuq il-profitti tal-kumpaniji***

Fl-20 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għall-emendar u l-aġġornament tal-inizjattiva ta' Diċembru 2021. Din tallinja r-riżorsi proprji bbażati fuq l-ETS u s-CBAM mal-eżitu tan-negozjati leġiżlattivi "Lesti għall-mira ta' 55 %" u tibdel ir-rata ta' ġbir tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ETS minn 25 % għal 30 %.

Fil-kuntest tan-negozjati "Lesti għall-mira ta' 55 %", ir-rapporteurs tal-Kumitat BUDG għenu biex tinżamm pożizzjoni konsistenti sabiex l-inizjattiva dwar ir-Riżorsi Proprji u l-leġiżlazzjoni dwar il-klima jibqgħu kompletament kompatibbli u koerenti. Id-direttiva dwar l-ETS bil-kamp ta' applikazzjoni usa' tagħha u r-regolament CBAM li se jsolvu d-"dilemma tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju" (flimkien mal-Fond Soċjali għall-Klima) huma rivoluzzjonarji u punt ta' riferiment internazzjonali fid-dawl tal-politika moderna u ekwa tal-ipprezzar tal-karbonju.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi riżorsa proprja ġdida bbażata fuq il-profitti korporattivi (CPOR). Din il-kontribuzzjoni nazzjonali tiġi kkalkulata abbażi tad-data statistika dwar is-surplus operattiv gross fis-setturi finanzjarji u mhux finanzjarji disponibbli fil-kuntest tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali (ESA). Din id-data (għad li hija imperfetta bħall-aggregati statistiċi kollha, inkluż id-DNG) hija robusta u armonizzata biżżejjed biex isservi bħala indikatur għall-profitti korporattivi u bħala bażi vijabbli għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni nazzjonali. Se tiġi applikata rata ta' ġbir ta' 0,5 %. Skont il-Kummissjoni, din il-kontribuzzjoni tista' eventwalment tiġi sostitwita b'riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa b'mod aktar ġenwin ladarba jkun fis-seħħ qafas xieraq għat-tassazzjoni tal-intrapriżi (BEFIT).

Skont l-istimi tad-dħul ġenerali ta' dan il-basket aġġornat, ladarba jinqabad ritmu tajjeb, huwa mistennija introjtu ta' madwar EUR 36 biljun (prezzijiet tal-2018) jew madwar 45 biljun fi prezzijiet kurrenti fis-sena. Dan ikun fil-biċċa l-kbira biżżejjed biex jiġu ffinanzjati mill-ġdid il-kostijiet ta' Next Generation EU, minkejja li parti sinifikanti tkun destinata għall-Fond Soċjali għall-Klima. Madankollu, dan il-pakkett ma għandux jitqies bħala t-tmiem tar-riforma

globali fit-tul tas-sistema tar-riżorsi proprji li jenħtieġ li tipprovdi lill-Unjoni b'aktar mezzi biex tikseb il-politiki ambizzjużi tagħha u aktar awtonomija finanzjarja.

***L-approċċ tar-Rapporteurs f'konformità mal-ispirtu u l-ittra tal-Pjan Direzzjonali***

Il-korapporteurs jilqgħu l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni tinkorpora diversi prijoritajiet u talbiet tal-PE u jqisu li t-test leġiżlattiv huwa konformi mal-objettivi u r-raġunament tal-pjan direzzjonali tal-FII. Għalhekk, nixtiequ nsegwu approċċ sempliċi u kunsenswali għall-opinjoni konsultattiva tal-PE billi

- napprovaw il-proposta tal-Kummissjoni,
- inressqu biss ftit emendi mmirati ħafna u
- nitolbu lill-Kunsill jipprogressa b'mod rapidu lejn l-adozzjoni tad-deċiżjoni emendata.

Il-kuntest politiku huwa diffiċli, bħal dejjem, iżda l-elementi leġiżlattivi u ċ-ċifri baġitarji kollha issa huma disponibbli biex isir progress rapidu fil-Kunsill. Barra minn hekk, il-presidenza Spanjola u dik Belġjana huma perċepiti bħala "tieqa ta' opportunità" minn ħafna atturi. Il-proċedura ta' ratifika se tieħu wkoll xi żmien qabel ma d-deċiżjoni tkun tista' tidħol fis-seħħ. Ir-rapport tal-Kumitat BUDG għandu għalhekk jiġi pproċessat mingħajr dewmien u jittieħed vot dwaru fil-plenarja f'Novembru. Ir-rapporteurs jieħdu nota sew tal-opinjonijiet u l-opinjonijiet fil-forma ta' ittri mill-Kumitati AFCO, ECON/FISC u ENVI għar-rapporti attwali u preċedenti dwar ir-riżorsi proprji.

Il-korapporteurs ifakkru li r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-PE tat-23 ta' Novembru 2022 għadha pertinenti u valida, inkluża, b'mod partikolari, l-emenda li timmodifika r-rata ta' ġbir għar-riżorsa proprja bbażata fuq is-CBAM.

***Għadd żgħir ħafna ta' emendi: korrezzjonijiet ta' somma f'daqqa li għandhom jiġu razzjonalizzati***

F'nofs perjodu finanzjarju, il-korapporteurs mhux qed jixħtu dubju fuq l-ekwilibriju ġenerali tal-Pakkett dwar ir-Riżorsi Proprji tal-QFP, iżda minkejja dan ifakkru fl-oppożizzjoni tagħhom għat-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq id-DNG. Madankollu, ġiet identifikata kwistjoni waħda li għandha u tista' tiġi rettifikata permezz ta' din il-proċedura: ir-regoli għall-aġġustament tal-korrezzjonijiet ta' somma f'daqqa għal ħamsa mill-Istati Membri "kontributuri netti". *Nota Bene*, dawn is-somom f'daqqa ma ġewx introdotti biex itaffu l-inugwaljanzi min-naħa tad-dħul. Minflok, huma maħsuba biex jimmoderaw il-bilanċ nett kumplessiv bejn il-pagamenti u r-riflussi tan-nefqa mill-perspettiva ta' Stat Membru.

L-aġġustament annwali tat-tnaqqis tas-somma f'daqqa bl-applikazzjoni tad-deflatur tal-PDG f'kuntest ta' inflazzjoni għolja b'mod eċċezzjonali u mhux mistenni rriżulta f'rifużjonijiet għoljin b'mod mhux ġustifikat għall-Istati Membri kkonċernati. Tali skontijiet mhux mistennija u d-distorsjonijiet distributtivi li jinvolvu, jistgħu jiġu evitati billi l-aġġustament annwali tal-ammonti jiġi allinjat mad-deflatur awtomatiku ta' 2 % li jintuża wkoll għal-limiti massimi tal-QFP skont l-Artikolu 4, il-paragrafu b, tar-Regolament QFP.

Ir-rapporteurs jiddeploraw il-prattika rikorrenti fil-Kunsill li jiġu introdotti r-"ribassi" sabiex tinkiseb approvazzjoni unanima. Kemm il-pagamenti ta' somma f'daqqa biex jiġu rettifikati l-bilanċi netti ġenerali ta' ċerti Stati Membri kif ukoll il-mekkaniżmi speċifiċi ta' korrezzjoni u ta' limitar fi ħdan il-biċċa l-kbira tar-riżorsi proprji individwali jċajpru r-raġunament

ekonomiku tar-riżorsi proprji, jimminaw l-ispirtu ta' solidarjetà fl-UE kollha u jsaħħu l-perċezzjoni li l-baġit tal-UE huwa "logħba b'somma żero" ta' tranżazzjonijiet finanzjarji. Ninsabu konvinti bis-sħiħ li dħul ibbażat fuq basket varjat, dinamiku u robust ta' sorsi differenti m'għandu għalfejn jinkludi l-ebda ribass jew skont.

20.9.2023

# ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposta emendata għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (2021/0430(CNS))

Sur Van Overtveldt,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Lulju 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali eżamina l-kwistjoni waqt il-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Settembru 2023 u adotta l-opinjoni matul din l-istess laqgħa[1].

Dejjem tiegħek,

Salvatore De Meo

[1] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Vladimír Bilčík, Ana Collado Jiménez, Salvatore De Meo, Paulo Rangel, Sara Skyttedal, Loránt Vincze, Rainer Wieland, Mercedes Bresso, Włodzimierz Cimoszewicz, Pascal Durand, Victor Negrescu, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira, Charles Goerens, Sandro Gozi, Alin Mituța, Max Orville, François Alfonsi, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund, Zdzisław Krasnodębski, Jacek Saryusz-Wolski, Jaak Madison, Helmut Scholz

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali:

1. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li temenda l-proposta tagħha ta' Diċembru 2021 li introduċiet tliet kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji, ibbażati, rispettivament, fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS), il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM) u l-Ewwel Pilastru tal-konvenzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) dwar it-tassazzjoni korporattiva internazzjonali;

2. Jilqa' l-aġġustamenti għar-riżorsi proprji proposti bbażati fuq l-ETS u s-CBAM bħala riżultat tal-leġiżlazzjoni adottata f'dawk l-oqsma u jilqa' l-proposta għal riżorsa proprja statistika bbażata fuq il-profitti tal-kumpaniji, abbażi tal-istatistika tal-kontijiet nazzjonali mħejjija taħt is-sistema Ewropea tal-kontijiet (ESA);

3. Jinnota li l-introduzzjoni ta' riżorsi ġenwini proprji tinsab lura skont l-iskeda stabbilita fil-pjan direzzjonali legalment vinkolanti tal-Anness II tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020[2]; itenni l-ħtieġa li nipproċedu malajr; iħeġġeġ lill-Kunsill, għalhekk, japprova r-riżorsi ġenwini proprji ġodda mingħajr aktar dewmien; jissottolinja li dawn ir-riżorsi ġodda għandhom jippermettu wkoll lill-Unjoni tħallas lura d-dejn u l-interessi komuni taħt in-Next Generation EU u tiżgura finanzjament sostenibbli tal-baġit tal-Unjoni fit-tul, sabiex twettaq il-politiki u l-programmi ewlenin tal-Unjoni kif ukoll tirrispondi għall-isfidi emerġenti;

4. Itenni li riforma aktar komprensiva tas-sistema tar-riżorsi proprji hija indispensabbli, kif deskritt, fost l-oħrajn, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2023 dwar ir-riżorsi proprji: bidu ġdid għall-finanzi tal-UE, bidu ġdid għall-Ewropa[3];

5. Ifakkar li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tenniet is-sejħa tal-Parlament biex il-baġit tal-Unjoni jissaħħaħ permezz ta' riżorsi proprji ġodda u pproponiet tmiem għall-prinċipju dwar l-unanimità għal kwistjonijiet fiskali[4] li l-Parlament Ewropew għandu jiddeċiedi dwar il-baġit tal-Unjoni bħalma huwa d-dritt tal-parlamenti fil-livell nazzjonali[5];

6. Jisħaq li dawn il-proposti għandhom jiġu esplorati minn Konvenzjoni dwar ir-reviżjoni tat-trattati, kif mitlub mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022, inkluża l-possibbiltà li tiġi applikata l-proċedura leġiżlattiva ordinarja għall-adozzjoni ta' riżorsi proprji ġodda bl-għan li tiżdied il-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi u ssaħħaħ l-iskrutinju demokratiku mill-Parlament Ewropew; jitlob għalhekk li jiġi emendat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

---

[2] OJ L 433 I, 22.12.2020, p. 28.
[3] Testi adottati, P9_TA(2023)0195
[4] Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, proposta 16.
[5] Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, proposta 38.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea |
| **Referenzi** | COM(2023)0331 – C9-0211/2023 – COM(2021)0570 – C9-0034/2022 – 2021/0430(CNS) |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 3.2.2022 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>11.9.2023 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON 11.9.2023<br>ENVI 11.9.2023<br>AFCO 11.9.2023 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | ECON 19.7.2023<br>ENVI 17.7.2023 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | José Manuel Fernandes 28.6.2023<br>Valérie Hayer 28.6.2023 |
| **Eżami fil-kumitat** | 20.9.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 9.10.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 15<br>–: 5<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Rasmus Andresen, David Cormand, Andor Deli, Pascal Durand, Alexandra Geese, Vlad Gheorghe, Hervé Juvin, Joachim Kuhs, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Bogdan Rzońca, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Angelika Winzig |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Attila Ara-Kovács, Sunčana Glavak, Hannes Heide, Jarosław Kalinowski, Sabine Verheyen |
| **Data tat-tressiq** | 16.10.2023 |

## VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 15 | + |
|---|---|
| PPE | Sunčana Glavak, Jarosław Kalinowski, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Sabine Verheyen, Angelika Winzig |
| Renew | Vlad Gheorghe, Nils Torvalds |
| S&D | Attila Ara-Kovács, Pascal Durand, Hannes Heide, Nils Ušakovs |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, David Cormand, Alexandra Geese |

| 5 | - |
|---|---|
| ECR | Bogdan Rzońca |
| ID | Joachim Kuhs |
| NI | Andor Deli, Hervé Juvin, Lefteris Nikolaou-Alavanos |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni